**18 ta' Frar, 1963**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Anthony Sammut

*versus*

Paolo Sammut et.

**Digriet — Mandat Kawtelatorju — Appell — Proċedura.**

*Digriet relattiv għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju la hu definittiv u lanqas interlokutorju, u lanqas ma hu parti inċidentali tal-ġudizzju, iżda jifforma biss parti mill-atti tal-mandat relattiv, u mhux mill-atti tal-kawża, mingħajr ma jagħmel differenza għan-natura tiegħu l-fatt li l-Qorti tkun semgħet preventivament lill-partijiet qabel ma emanat dak id-digriet. Lanqas ma jbiddel in-natura tiegħu l-fatt li d-digriet ikun ġie pronunzjat mill-Qorti fl-udjenza publika; għax b'daqshekk id-digriet la jsir definittiv u lanqas interlokutorju.*

*Min irid jimpunja digriet simili jista' jagħmel dan biss per mezz ta' ċitazzjoni in kontradittorju tal-parti l-oħra fil-Qorti li tkun emanat id-digriet; u mis-sentenza li tingħata fuq dik iċ-ċitazzjoni jista' eventwalment ikun hemm appell quddiem il-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina; imma appell dirett lil dik il-Qorti b'rikors bħal ma jsir fil-każ tad-degrieti nterlokutorji huwa null u ta' ebda effetti, billi l-liġi ma tipprovdix appell minn digriet li ma hux interlokutorju.*

Il-Qorti:— Rat id-deċiżjoni tagħha tal-11 ta' Mejju 1962, fejn jinsabu miġbura t-talba tar-rikorrent Antonio Sammut u r-risposta tal-intimati, u li biha din il-Qorti annullat id-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Marzu 1962 u ordnat ir-rinviju tal-att tar-rikors lill-Ewwel Qorti b'ex tipprovdi fuqhom indipendentement mill-eċċezzjoni tal-inkompetenza mogħtija f'dawk l-atti, salva kull kwistjoni dwar il-validità ta' dak il-mandat minħabba raġunijiet ta' kompetenza li tista' tqum eventwalment wara l-eżekuzzjoni skond il-liġi; bl-ispejjeż kontra l-intimandi;

Rat id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-31 ta' Ottubru 1962, li bih dik il-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrent Antonio Sammut għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni kontra l-intimandi Paolo Sammut u oħrajn billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi r-rikorrent, wara li ppremetta illi hu huwa komproprjetarju, flimkien ma' oħrajn, taż-żewġ għelieqi ndikati fir-rikors, u illi l-intimati qegħdin jisfruttaw mill-istess artijiet biċtejn tal-estensjoni superfiċjali u bil-konfini hemm ukoll indikati, u li l-artijiet kollha għadhom indiviżi, u għalhekk l-intimati ma għandhomx dritt jisfruttawhom bħala barriera akkont tagħhom biss u bla kunsens tiegħu, sakemm imissu lilhom; jitlob li jiġi maħruġ mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati biex dawn ma jkomplux jisfruttaw l-istess żewġ porzjonijiet bħala barriera sakemm ma jmissuhomx fid-diviżjoni;

Illi, bħal ma jissottomettu l-intimati Paolo Sammut, Frank Abela u Tony Spiteri proprio et nomine, fin-nota tagħhom a fol. 60 tal-proċess, "prima facie" (1) ma jidherx li r-rikorrent huwa komproprjetarju, almenu mal-intimati, taż-żewġ għelieqi fuq imsemmija, (2) jidher li l-intimati qegħdin jisfruttaw porzjonijiet ta' art li huma akkwistaw b'diversi atti pubbliċi, fejn dawn il-porzjonijiet ġew indikati bħala diviżi, (3) jidher li l-isfruttament tal-porzjonijiet bħala barriera l-intimati qegħdin jagħmluh leġittimament in forza ta' kuntratt;

Illi b'dan il-mod, "prima facie", ma jidherx li r-rikorrent għandu d-drittijiet minnu pretiżi fir-rikors, u kwindi lanqas ma tidher neċessarja l-ispedizzjoni tal-mandat ta' inibizzjoni mitluba fir-rikors;

Rat ir-rikors tal-istess Antonio Sammut, li bih appella u talab ir-revoka tad-digriet fuq imsemmi tal-Prim'Awla tal-Qorti tal-31 ta' Ottubru 1962, u jiġi minflok deċiż li hemm lok "prima facie" għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni mitlub minnu, u jingħataw għalhekk il-provvedimenti meħtieġa biex, almenu għall-parti talartijiet li l-intimati għadhom ma sfruttawx, huma jiġu inibiti milli jkomplu l-isfruttament; salvi dejjem id-danni minnu sofferti; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi bejn il-partijiet tinsab pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kawża ta' diviżjoni, bl-alternattiva ta' liċitazzjoni, ta' ċerti artijiet li l-appellant jgħid li qegħdin jiġu sfruttati mill-appellati bħala barriera rigward biċtejn minnhom. L-appellant jippretendi li huwa komproprjetarju ta' dawk l-artijiet; u għalhekk, b'rikors tad-19 ta' April 1961, huwa talab il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni kontra l-appellati biex iżommhom milli jkomplu jisfruttaw dawk il-biċtejn art bħala barriera. L-Ewwel Qorti, wara li ġiebet ir-rikors fil-lista tal-kawżi u semgħet lill-partijiet, ċaħdet dik it-talba għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju; bl-ispejjeż;

Illi din il-Qorti ġa kellha okkażjoni tesprimi ruħha fuq ix-xorta ta' digriet relattivi għall-ħruġ ta' mandati kawtelatorji, u l-appelli minn dawk id-digrieti, fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Awissu 1953 in re "Edgar Baldacchino vs. Joseph Bellizzi" (Kollez. XXXVII-I-519), fejn intqal li d-digriet relattiv għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni la hu definittiv u lanqas interlokutorju, u lanqas ma hu parti nċidentali tal-ġudizzju, iżda jifforma biss parti mill-atti tal-mandat relattiv, u mhux mill-atti tal-kawża, mingħajr ma jagħmel differenza għan-natura tiegħu l-fatt li l-Qorti tkun semgħet preventivament il-partijiet. U kompliet tgħid, din il-Qorti, li "min irid jimpunja digriet li ma huwiex interlokutorju jew definittiv ma jistgħax jimpunjah permezz ta' appell dirett, iżda biss permezz ta' ċitazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti fil-Qorti li tkun emanat id-digriet; u mis-sentenza li tingħata fuq dik iċ-ċitazzjoni jista' eventwalment ikun hemm anki appell quddiem din il-Qorti; iżda appell minn digriet ta' dik ix-xorta b'sempliċi rikors quddiem din il-Qorti, bħal ma jsir fil-każ ta' digriet interlokutorju, huwa null u ta' ebda effett";

L-osservanza kostanti u sekolari tal-prattika f'dan issens fil-Qrati Tagħna hija l-isbaħ konferma ta' dak kollu li ntqal. Sostanzjalment, l-istess ġie ritenut fis-sentenza tat-8 ta' Frar 1946 in re "Borg vs. Dr. Chetcuti ne." (Vol. XXXII-I-340), u fis-sentenza tal-5 ta' Awissu 1954 in re "Galea vs. Bezzina" (Vol. XXXVII-I-336). Il-fatt li fil-każ

preżenti d-digriet ġie mogħti mhux kameralment, iżda fl-udjenza publika, ma jbiddelx in-natura tad-digriet; għax b'daqshekk la sar definittiv u lanqas interlokutorju; u qalet din il-Qorti fis-sentenza fuq imsemmija tat-8 ta' Frar 1946 in re "Borg vs. Dr. Chetcuti", u tal-10 ta' Awissu 1953 in re 'Baldacchino vs. Bellizzi",appell minn digriet li mhuwiex interlokutorju ma hemmx, għax il-liġi ma tipprovdiehx. U ladarba huwa hekk, l-appellant ma setgħax jimpunja d-digriet minnu appellat b'rikors quddiem din il-Qorti, u l-appell minnu magħmul huwa irritu u null;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni tannullità mogħtija mill-appellati, u għalhekk tiddikjara irritu u null l-appell interpost mill-appellant; bl-ispejjeż kontra tiegħu.